# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023

## Talba numru 128/2021SFJ

## PITRÈ BATHROOMS LIMITED (C61683)
## VS.
## CHRIS PULLICINO (43184M)

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-28 ta' April 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha elf u tlett mitt Ewro (€1,300) rappreżentanti bilanċ dovut lilha għal prodotti mibjugħin u kkonsenjati lill-konvenut;

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fil-11 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha qanqal l-eċċezzjoni tal-pagament;

Ra li fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2021, ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi in vista tad-difiża tal-konvenut;

Sema' il-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Jannar 2023.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal josserva li t-tagħlim tal-Qrati Maltin huwa tali li jgħid li meta parti f'kawża tressaq l-eċċezzjoni tal-pagament, hija tkun qed tqiegħed fuqha nfisha l-oneru li ġġib prova tal-allegat pagament. Dwar kif għandha tiġi ssostanzjata din id-difiża, intqal fis-sentenza ***Giuseppe Darmanin vs. Salvatore Muscat*** (deċiża mill-Prim' Awla fit-23 ta' Frar 1965):

> *"Min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju, fin-nuqqas ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-prezunzjoni li d-dejn ma thallasx (kollezzjoni vol. XXXII.I.535) jekk ma jigix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt."*

Inoltre, intqal fis-sentenza ***John Cini vs. Rita Camilleri*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar 1982):

> *"…dwar l-eccezzjoni tal-pagament, qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed jghid li hallas. Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi "la prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie konstantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur l-attur."*

Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut aċċetta li huwa kien ordna xi *fittings* għal xi kmamar tal-banju mingħand is-soċjetà attriċi. Huwa aċċetta wkoll li dakinhar tad-*delivery*, l-ammont ta' €1,300 kien għadu pendenti. Madankollu, għad li l-prassi tas-soċjetà attriċi donnha kienet li l-ħaddiema tagħha jiġbru l-pagamenti f'isimha, kemm jekk fi flus kontanti kif ukoll jekk permezz ta' ċekkijiet, jidher li l-konvenut ma ħallasx lilhom u ried imur iħallas personalment fix-*showroom* tas-soċjetà attriċi. Jidher li meta l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi nfurmaw lis-superjuri tagħhom b'dan, is-soċjetà attriċi ma tantx inkwetat, għax fil-passat, hija kienet ħadmet mal-konvenut u ma jidhirx li kien hemm xi problemi dwar pagamenti.

Il-konvenut qal li huwa ma ħallasx lill-ħaddiem tas-soċjetà attriċi għax ma riedx jgħabbih bir-responsabilità konsiderevoli li jwassal €1,300 fi flus kontanti lis-soċjetà attriċi. Huwa qal, iżda, li mar personalment għand is-soċjetà attriċi kemm biex iħallas l-ammont relattiv kif ukoll biex jixtri *fitting* ieħor li kien jiswa €38.00. Huwa qal li meta talab riċevuta, ġie nfurmat li ma setgħetx tinħariġlu riċevuta għar-raġuni li l-ħaddiema tad-*delivery* ma kinux għadhom irritornaw bil-karti relattivament għad-*delivery* li saret lilu.

Kruċjalment, il-konvenut jgħid ċar u tond:

> *"Jiena nammetti li għamilt żball li dakinhar ma erġajtx mort għall-irċevuta pero nħoss li s-segretarja li qdietni għamlet żball akbar għaliex x'imkien dawn il-flus kellhom jiġu rrekordjati.*
>
> *Kif wieħed jista' jobsor, wara tliet xhur, jiena m'għandix evidenza tal-ħlas għaliex lanqas il-kameras ma żammew memorja ta' dak li ġara dakinhar."*

In kontro-eżami (fol. 62), Mireille Muscat Pitrè xehdet li f'każ li l-klijent ma jħallasx lill-ħaddiema tad-*delivery* u jmur iħallas direttament fix-*showroom*, mhuwiex il-każ li l-impjegati tas-soċjetà attriċi (fix-*showroom*) jinfurmaw lill-klijent li ma tistax tinħareġ riċevuta għax il-ħaddiema tad-*delivery* ma jkunux għadhom irritornaw u taw il-karti relattivament għad-*delivery*. Hija spjegat li f'każijiet bħal dawk, il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi fix-*showroom* jagħmlu *reprint* tas-*sales order* jew tal-*invoice* u jindikaw fuqha li l-ħlas ikun sar. Ix-xhud għamlitha ċara li kienet qegħda tispjega xi jsir normalment, u ma tat ebda indikazzjoni li hija kienet fix-*showroom* meta l-konvenut allegatament mar iħallas.

Nonostante li f'dan il-każ xehdu tlett impjegati tas-soċjetà attriċi, ħadd minnhom ma qal f'xi punt jew ieħor li fit-22 ta' Ottubru 2020 (jiġifieri dakinhar tal-konsenja tal-oġġetti lill-konvenut) il-konvenut mar fix-*showroom* tas-soċjetà attriċi u ħallas l-ammont ta' €1,300. Huwa ċar li l-impjegati tas-soċjetà attriċi raw lil Chris Pullicino fix-*showroom* dakinhar sabiex jirritorna xi sapuniera jew jixtri xi *fitting* ulterjuri, iżda ħadd minnhom ma xehed li l-konvenut tahom €1,300 jew xi ammont simili.

F'dan il-każ, il-fatt jibqa' li l-konvenut m'għandux riċevuta x'juri u l-impjegati tas-soċjetà attriċi li xehdu f'din il-kawża qatt ma qalu li f'xi punt jew ieħor wara l-konsenja, anki jekk f'ġurnata differenti, il-konvenut mar personalment fix-*showroom* biex iħallas l-ammont ta' €1,300. *Di più*, il-konvenut fl-affidavit tiegħu qal li ma kienx hemm *cameras* u għalhekk ma kellu ebda prova li sar il-ħlas.

Dwar l-eċċezzjoni tal-pagament, ġie ritenut fis-sentenza ***<u>Woodline Limited vs. Forsite Design & Project Management Services Limited</u>*** (deċiża mill-Prim' Awla fis-27 ta' Marzu 2003) illi:

> *"Illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha ricenti datata 20 ta' Jannar, 2003, fl-ismijiet "Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja" qalet:-*
>
> *"Illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali" (Ara "Av. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe", Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe," Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Kif jinghad mill-Phipson "On Evidence", (11th Edition, para 103) "In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case".*

> *Illi kif inghad abbazi tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u hawn ovvjament il-Qorti qed tirreferi ghat-tieni wahda, stante li l-ewwel eccezzjoni gia giet deciza, huwa l-oneru tas-socjeta` konvenuta li tipprova dak minnha allegat, stante li qed jigi kontestat huwa l-fatt li l-kreditu mhux dovut ghaliex thallas jew gie kompensat permezz tat-tpacija u dak li hemm dovut huwa ammont inferjuri msemmi fl-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta."*

It-Tribunal għalhekk iqis li meta wieħed jeżamina l-provi fl-assjem tagħhom, id-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-affidavit tiegħu fejn jinsisti li huwa ħallas mhijiex sorretta minn provi oħra u inoltre, il-konvenut addirittura jammetti li ħlief għall-kontenut tal-affidavit, huwa m'għandu ebda prova li l-ħlas verament sar.

Għalhekk, it-Tribunal ma jistax jakkolji l-unika eċċezzjoni tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300), bl-imgħax dekorribbli mit-22 ta' Ottubru 2020 (id-data tal-konsenja), liema mgħax għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi, b'dan illi tkun rispettata r-regola tal-*ultra duplum*;

2. Jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu interament mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**